MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2014

Numru 351/2013

Il-Pulizija

(Supretendent Carmelo Bartolo)

vs

Ivan Cutajar

Il-Qorti,

Rat l-imputazjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ 78269(m), akkuzat talli fil-Belt, Valletta, nhar it-22 ta’ Mejju 2001, ghal habta tas-7.30 ta’ filghaxija:

1. bil-qerq hloqt jew geghelt jidher li donnhu hemm fatt jew cirkostanza sabiex dan il-fatt jew cirkostanza ikunu jistghu ‘l quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b’hekk dina l-persuna tkun tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;
2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanza iddenunzjat lill-Pulizija Esekuttiva reat li kien jaf li ma sarx, inkella bil-qerq hloqt tracci tal reat b’mod li jistghu jinbdew procedure kriminali sabiex jisguraw li dak ir-reat kien sar;

3. f'dawn il-Gzejjer nhar l-24 ta' Mejju, 2001, hlift falz quddiem Magistrat jew ufficjal iehor li jkollu s-setgha bil-ligi li jaghti l-gurament liema gurament kien mehtiweg mill-ligi jew ordnat b'sentenza jew b'digriet ta' wahda mill-Qrati ta' Malta;
4. fil-Belt, Valletta, nhar it-22 ta' Mejju 2001, ghal habta tas-7.30 ta' filghaxija bil-hsieb li jikseb ghalih innifsu jew ghall-haddiehor il-hlas ta' flus ta' sigurta kontra r-riskji jew xi qliegh mhux misthoqq, iddistruggejt, xerridt 'l u 'hemm jew gharraq b'xi mezz li jkun hwejjeg tieghek;
5. f'isem il-Kontrollur tad-Dwana: talli f'dawn il-Gzejjer nhat it-22 ta' Mejju, 2001, u/jew f'xi data qabel din id-data, kellek fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghek xi gjojellerija li fuqhom id-dazju ma kienx gie mhallas u/jew kawtelat u li l-importazzjoni taghhom hija projibita u/jew ristretta u dan bi ksur ta' l-Artikolu 60(a)(b)(c)(k), l-Artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(I)(k), Kap 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn l-oggetti ghandhom valur ta' Lm158.00,0 u Dazju LM5.53,0
6. f'isem il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud talli f'dawn il-Gzejjer nhar it-22 ta' Mejju,2001, u/jew f'xi data qabel, instab li xjentement kellek fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghek xi gojellerija li l-importazzjoni taghhom hija projibita u/jew ristretta u fuqhom kellek thallas it-taxxa fuq il-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal Lm24.53, liema taxxa ma gietx imhalsa u/jew kawtelata, u dan bi ksur tal-Artikolu 80 tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru XXIII ta' l-1998).

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz tieghu u ai termini tal-Artikoli tal-ligi minnu citat baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn dina l-Qorti;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kawza tinstema sommarjament u deciza minn dina l-Qorti;

Semghet u ezaminat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Ai termini tal-artikoli tal-ligi emessi mill-Avukat Generali fir-rinviju ghall-gudizzju l-akkuzi riferenti r-reat kontra l-Ordinanza tad-Dwana u l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma gewx sostnuti b'daqstant li l-Qorti mhux sejra tiehu aktar konjizzjoni taghhom kuntrarjament ghar-reati li jittrattaw:

(a) il-holqien qarrieqi ta' provi foloz u l-holqien ta' reat li ma sarx;
(b) il-gurament falz;
(c) il-frodi dwar sigurta';

li jinsabu citati mill-Avukat Generali fl-imsemmi rinviju.

Fir-rigward dawn ir-reati huma ghandhom matrici wahda fis-sens li huma kollegati ma' allegata serqa aggravata li l-imputat allega li saret ghad-detriment tieghu mill-hanut ta' gjoellerija jismu 'Envir' gewwa Triq Merkanti l-Belt, Valletta, fit-22 ta' Mejju, 2001, ghal habta tas-7.00pm, precisament,

meta kien gja nizzel is-'shutter' tal-hanut u kien ghadu fuq gewwa jaghmel l-ahhar preparamenti qabel isakkar u jitlaq.

Mill-atti jirrisulta li l-imputat ghazel li ma jixhidx fil-kawza. Izda fil-kors tal-inkjesta huwa xehed f'zewg okkazjonijiet, in aggjunta ma' zewg stqarrijiet sussegwentement rilaxxjati lill-Pulizija. Jigi hawnhekk notat li fiz-zmien meta irrilaxxja l-istqarrijiet lill-Pulizija ma kienx ghadu implimentat id-dritt ta' assistenza b'dan li l-valur probatorju taghhom huwa dibattibli. L-istess pero' ma jistax jinghad ghax-xhieda li ta fil-kors tal-inkjesta li ghandu jkollha valur probatorju wara li kien gie debitament imwissi li setgha jibqa sieket izda li dak li kien ser jghid setgha jikkostitwixxi prova kontra tieghu. F'dan it-tangent jirrisulta li l-imputat ma kienx taht arrest.

F'din ix-xhieda tieghu (li qeghdha fol. 43 sa 46, 47 u 50 sa 57) il-punti saljenti li johorgu minnha huma:

- li ghall-perjodu ta' Mejju ta' dik is-sena l-assikurazzjoni kienet tkoprih sal-ammont ta' sittin elf lira maltin;
- li bhala prekondizzjoni biex jottjenti l-assikurazzjoni l-allarm kellha tigi komunikata mas-socjeta'Datatrack';
- li din l-assikurazzjoni saret mal-Millenium Insurance Agency u bdiet topera mill-4 ta' Mejju 2001 – igifieri ftit jiem qabel l-allegata serqa;
- li kien libes qalziet abjad u qmis hadra;
- li ma kellu ebda spiegazzjoni ghall-fatt li l-presunt halliel kien seraq l-imsielet u mhux ukoll kullana li kellha prezz ferm aktar gholi;
- li l-presunt halliel kien rabatu permezz ta' cable ties' idejh fuq wara ta' daghru, rabatlu saqjah kif wkoll idejh ma saqjah; f'din il-posizzjoni kien mindud wiccu 'l isfel ihares lejn in-naha tas-sejf faccjata tal-entratura; stqarr li kif intebah li l-halliel kien hareg bil-gjoelli li kienu esposti fil-vettrini u dawk li kienu fis-sejf, tkaxxkar sa fejn l-entratura, irnexxilu iholl wahda minn idejh mill-'cable tie', olza is-shutter 'il fuq bizzejjed li johrog rasu u jitlob l-ghajjut;
- li kien ghafas il-'panic button' tal-allarm, din daqqet izda ma kinitx qawwija kif kien semmha darba qabel.

Il-Qorti ghazlet li tpoggi in riljev l-ewwel il-fatturi rilevati mill-imputat li, fil-fehma taghha, jikkostitwixxu l-bazi fuq liema setghat tasal ghad-determinazzjoni tal-kawza billi tpoggihom in kuntrast mal-provi imressqa mill-prosekuzzjoni. Tfakkar li l-imputat ghazel li ma jixhidtx fil-kawza.

Fuq tali provi tal-prosekuzzjoni hemm tabilhaqq fatturi li juru b'mod sodisfacjenti l-inverosimiljanza ta' dak sostnut mill-imputat. Jibda biex jinghad li z-zewg xhieda li marru jisokkoru l-imputat fil-persuna ta' Mario Spiteri (folio 170) u Pc Domnic Pace (folio 175) entrambi jistqarrew li l-irbit, anka jekk konformi ma kif deskritt mill-imputat, minn idejh u saqajh, kien fuq quddiem u mhux fuq wara kif sostnut mill-imputat. Stqarrew ukoll iz-zewg xhieda li lill-imputat sabuh fejn is-shutter li jindika ghalhekk, kif d'altronde stqarr l-imputat stess, li huwa tkaxxkar minn fejn kien rasu 'l isfel ghal fejn is-shutter. F'dan il-kuntest jirrisulta minn rimarka li jaghmel l-espert tekniku nominat fl-inkjesta (folio 67) li meta ra lill-imputat hekk kif ingieb mill-Isptar San Luqa, fejn ittiehed appena wara l-allegat serq, innota li la l-qalziet bajdani u l'anqas il-qmis hadranija ma dehru mahmugin jew b'xi sinjali ta' trab fuqhom. Li wkoll ic-cirkostanzi li ipprecedew u dawk li segwew l-otteniment tal-assikurazzjoni jaghtu lok ghal suspett. Ukoll il-fatt li l-imputat mar ifittex lil certu Ronald Zaffarese (li xehed folio

324) li kienet il-persuna li installat l-allarm sabiex jemmenda r-rapport li kien ghamel (fuq talba tal-Pulizija wara li sehhet is-serqa) u kien irrisultalu li kien hemm zewg wires fl-istess li kienu gew imbaghabsa. Iccertifika li mal-installazjoni, li kien ghamilha hu, l-allarm kienet tiffunzjona u kien kategoriku dwar il-fatt li l-allarm ma setghetx tigi manipulata.

Fuq dawn ir-riskontri l-Qorti hi pjenament sodisfatta li dak li jsostni l-imputat li huwa safa' vittma ta' serq aggravat m'ghandux mill-veru u fabbrikat bl-iskop ta' frodi bi pregudizju tas-soceta' assikuratrici. Konsegwentement anka l-akkuzi l-ohra kif dedotti fir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali jinsabu pruvati.

Dwar il-piena, ghal fatt biss tal-frodi fuq soscjeta' assikuratrici l-ligi tikkontemla prigunerija minn seba xhur sa sentejn meta l-iskop ma jigix milqugh kif jirrisulta fil-kaz odjern.

Hi pero' l-ferma konvinzjoni tal-Qorti li ikkunsidrat l-fedina penali tal-imputat u l-fatt li r-reati jirrisalu ghas-sena 2001, ukoll li l-imputat illum stabbilixxa ruhu fl-esteru flimkien mal-familja tieghu, li prigunerija effettiva ma tkunx gusta anka jekk f'reati bhal dawn hemm lok ghaliha.

Qeghdha ghalhekk tiddisponi mill-kawza billi issib l-imputat hati ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali. Rat l-Artikolu 295 u 108 u 17 tal-Kap 9 u ssib l-imputat hati fir-rigward taghhom; mhux ukoll taht l-Artikolu 110 tac-citat Kap li minnhu tilliberah. Tikkundannah tlettax il-xahar prigunerija li qeghdha tissospendihom bl-applikazzjoni tal-Artikol 28A tac-citat Kap ghall-perjodu ta' tmintax il-xahar mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------